SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

10 ta' Frar 2021 *

"Appell – Dumping – Importazzjoni ta' ferrosiliċju li joriġina mir-Russja – Regolament (KE) Nru 1225/2009 – Artikolu 11(9) u (10) – Ċaħda tat-talbiet għal rimbors ta' dazji antidumping imħallsa – Prezz tal-esportazzjoni mfassal – Evalwazzjoni tar-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u l-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni Ewropea – Obbligu li jiġi applikat l-istess metodu bħal dak fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tad-dazju antidumping – Bidla fiċ-ċirkustanzi – Tnaqqis tad-dazji antidumping imħallsa – Provi konklużivi"

Fil-Kawża C-56/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2019

RFA International LP, stabbilita fi Calgary (il-Kanada), irrappreżentata minn B. Evtimov, advokat, M. Krestiyanova u E. Borovikov, avocats, N. Tuominen, avocată, kif ukoll minn D. O'Keeffe, solicitor,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata inizjalment minn J.-F. Brakeland kif ukoll minn A. Demeneix u P. Němečková, sussegwentement minn J.-F. Brakeland u P. Němečková,bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tieni Awla, A. Kumin, T. von Danwitz u P. G. Xuereb (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, RFA International LP (iktar ’il quddiem “RFA”) titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta’ Novembru 2018, RFA International vs Il-Kummissjoni (T-113/15, mhux ippubblikata, iktar ’il quddiem is-“sentenza appellata”, EU:T:2018:783), li permezz tagħha ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament totali jew parzjali tad-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2014) 9805 final, C (2014) 9806 final, C (2014) 9807 final, C (2014) 9808 final, C (2014) 9811 final, C (2014) 9812 final u C(2014) 9816 final tat-18 ta’ Diċembru 2014, dwar talbiet għar-rimbors ta’ dazji antidumping imħallsa fuq l-importazzjonijiet ta’ ferrosiliċju li joriġinaw mir-Russja (iktar ’il quddiem id-“deċiżjonijiet kontenzjużi”).

Il-kuntest ġuridiku

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51, rettifiki fil-ĠU 2010, L 7, p. 22, fil-ĠU 2011, L 293, p. 39 u fil-ĠU 2016, L 44, p. 20), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-15 ta’ Jannar 2014 (ĠU 2014, L 18, p. 1) (iktar ’il quddiem ir-“Regolament bażiku”), li kien fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi kien jipprovdi, fil-premessa 17 tiegħu:

“[…] Huwa […] xieraq li jiġi stabbilit li fi kwalunkwe kalkolu mill-ġdid ta’ dumping li jeħtieġ kostruzzjoni mill-ġdid ta’ prezzijiet ta’ l-esportazzjoni, id-dazji ma għandhomx jiġu meqjusa bħala spiża minfuqa bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, fejn id-dazju rilevanti ikun rifless fil-prezzijiet tal-prodotti soġġetti għall-miżuri fil-Komunità.”

3 L-Artikolu 2 ta’ dan ir-regolament jesponi r-regoli li jirregolaw id-determinazzjoni tal-eżistenza ta’ dumping. Il-paragrafi 8 u 9 tiegħu kienu jirrigwardaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni u kienu fformulati kif ġej:

“8. Il-prezz ta’ l-esportazzjoni għandu jkun il-prezz attwalment imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott meta mibjugħ għall-esportazzjoni mill-pajjiż ta’ l-esportazzjoni lill-Komunità.

9. F’każijiet fejn ma hemm ebda prezz ta’ l-esportazzjoni jew fejn jidher li l-prezz ta’ l-esportazzjoni mhux ta’ min joqgħod fuqu minħabba assoċjazzjoni jew arranġament ta’ kumpens bejn l-esportatur u l-importatur jew parti terza, il-prezz ta’ l-esportazzjoni jista jiġi kostrutt fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodotti impurtati huma l-ewwel mibjugħa mill-ġdid lil xerrej indipendenti, jew, jekk il-prodotti mhumiex mibjugħa mill-ġdid lil xerrej indipendenti, jew mhumiex mibjugħin mill-ġdid fil-kundizzjoni li fiha ġew impurtati, fuq kwalunkwe bażi raġjonevoli.

F’dawn il-każijiet, l-aġġustament għall-ispejjeż kollha, inklużi d-dazji u t-taxxi, sofferti bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u għall-profitti li jseħħu, għandhom isiru sabiex jiġi stabbilit prezz ta’ l-esportazzjoni ta’ min joqgħod fuqu, fil-livell tal-fruntiera tal-Komunità.

L-oġġetti li għalihom għandu jsir aġġustament għandhom jinkludu dawk normalment merfugħa minn importatur imma mħallsa minn kwalunkwe parti, jew ġewwa jew barra l-Komunità, li tidher li tkun assoċjata jew li għandha arranġament ta’ kumpens ma’ l-importatur jew ma l-esportatur, inkluż it-trasport tas-soltu, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, id-dazji tad-dwana, kwalunkwe dazji kontra dumping, u taxxi oħra li għandhom jitħallsu fil-pajjiż ta’ l-importazzjoni minħabba l-importazzjoni jew il-bejgħ tal-merkanzija, u l-marġini raġjonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali jew amministrattvi u l-profitt.”

4 L-Artikolu 2(10) ta' dan ir-regolament kien jipprevedi dan li ġej bħala paragun bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali:

"Għandu jsir paragun xieraq bejn il-prezz ta' l-esportazzjoni u l-valur normali. Dan il-paragun għandu jsir fl-istess livell tal-kummerċ u fejn għandhom x'jaqsmu l-bejgħ magħmula, kemm jista' jkun kważi fl-istess ħin, u b'kont dovut meħud ta' differenzi oħra li jaffettwaw il-paragun tal-prezz. Fejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni kif stabbiliti mhumiex fuq bażi daqshekk komparabbli għandu jkun hemm disposizzjoni, f'forma ta' aġġustamenti, f'kull każ, fuq il-merti tiegħu, għal differenzi fil-fatturi li huma pretiżi, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragun tal-prezzijiet. […]"

5 L-Artikolu 11(8) tal-istess regolament jirregola l-proċedura ta' rimbors ta' dazji mħallsa. Din id-dispożizzjoni kienet ifformulata kif ġej:

"Minkejja l-paragrafu 2, importatur jista' jitlob li jerġgħu jitħallsu lura d-dazji miġbura fejn jintwera li l-marġini tad-dumping, fuq il-bażi li fuqu kienu mħallsa d-dazji, jkun ġie eliminat, jew imnaqqas għal livell li huwa inqas mill-livell tad-dazju infurzat.

Fit-talba ta' rifużjoni tad-dazji kontra d-dumping, l-importatur għandu jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni […]

Applikazzjoni għal rifużjoni għandha tiġi kkunsidrata biss meta din tkun appoġġjata kif suppost permezz ta' evidenza fejn din ikollha informazzjoni preċiża dwar l-ammont ta' rifużjoni fuq id-dazji kontra d-dumping mitlub u d-dokumentazzjoni kollha tad-dwana li għandha x'taqsam mal-kalkulazzjoni u l-pagament ta' ammont bħal dan. Għandha wkoll tinkludi evidenza, għal perjodu rappreżentattiv, tal-valuri normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lill-Komunità għall-esportatur jew il-produttur li għalih japplika d-dazju. […]

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tingħata l-applikazzjoni u sa liema punt, jew tista' tiddeċiedi fi kwalunkwe mument li tibda analiżi temporanju, fejn l-informazzjoni u s-sejbiet minn tali analiżi imwettqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għal tali reviżjonijiet għandhom jintużaw biex jiġi stabbilit jekk tkunx iġġustifikata rifużjoni u sa liema punt. […]"

6 Skont it-termini tal-Artikolu 11(9) u (10) tar-Regolament bażiku, kien previst:

"9. Fl-investigazzjonijiet kollha ta' reviżjoni jew ta' rifużjoni imwettqa skond dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, sakemm iċ-ċirkustanzi ma jkunux tbiddlu, tapplika l-istess metodoloġija bħal fl-investigazzjoni li wasslet għad-dazju, waqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-Artikolu 2, u b'mod partikolari għall-paragrafi 11 u 12 tiegħu, u għall-Artikolu 17.

10. Fi kwalunwke investigazzjoni imwettqa skond dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha teżamina kemm huma ta' min joqgħod fuqhom il-prezzijiet ta' esportazzjoni skond l-Artikolu 2. Madanakollu, fejn jiġi deċiż li l-prezz fuq l-esportazzjoni jiġi kkalkulat bi qbil ma' l-Artikolu 2(9), hija għandha tikkalkulah mingħajr ebda tnaqqis għall-ammont ta' dazji kontra d-dumping mħallsa meta tkun mogħtija evidenza konklużiva li d-dazju huwa rifless kif suppost fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u l-prezzijiet għall-bejgħ sussegwenti fil-Komunità."

7 Il-Kummissjoni ddefinixxiet il-Linji Gwida għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11(8) tar-Regolament bażiku, fl-Avviż tagħha dwar ir-rimbors tad-dazji antidumping (ĠU 2014, C 164, p. 9).

8 Il-punt 4.1(b) tal-imsemmi avviż, intitolat "L-implimentazzjoni tal-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku", jipprovdi:

"Meta l-prezz tal-esportazzjoni jinbena skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tikkalkulah mingħajr ebda tnaqqis għall-ammont ta' dazji antidumping imħallsa meta tkun mogħtija evidenza konklużiva li d-dazju huwa rifless kif suppost fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u l-prezzijiet għall-bejgħ sussegwenti fl-Unjoni. Il-Kummissjoni teżamina jekk żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ lil konsumaturi indipendenti tal-Unjoni bejn il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali u ta' rimborż tinkorporax dazji antidumping."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

9 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti fil-punti 1 sa 30 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej.

10 RFA hija soċjetà inakkomandita stabbilita fil-Kanada. Permezz tas-sussidjarja Svizzera tagħha, hija tixtri, tbigħ mill-ġdid, timporta u taħżen fl-Unjoni Ewropea ferrosiliċju li joriġina mir-Russja, prodott minn żewġ kumpanniji sisters, stabbiliti fir-Russja, jiġifieri Chelyabinsk Electrometallurgical Integrated Plant OAO (iktar 'il quddiem "CHEMK") u Kuzneckie Ferrosplavy OAO (iktar 'il quddiem "KF").

11 Fil-25 ta' Frar 2008, wara lment imressaq mill-Kumitat ta' Kooperazzjoni tal-Industriji ta' Ligi tal-Ħadid, li hija assoċjazzjoni ta' produtturi Ewropej ta' ligi tal-ħadid, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 172/2008 li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv u jiġbor b'mod definittiv dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ferro-silikon li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Eġittu, il-Każakstan, dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja u r-Russja (ĠU 2008, L 55, p. 66). Minħabba r-relazzjoni ta' assoċjazzjoni eżistenti bejn RFA u ż-żewġ kumpanniji esportaturi msemmija fil-punt preċedenti, il-prezz tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni kien ġie stabbilit b'mod konformi mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

12 Skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 172/2008, ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel l-isdoganament, kienet stabbilita għal 22.7 % għall-prodotti mmanifatturati minn CHEMK u KF.

13 Dawn tal-aħħar ressqu quddiem il-Qorti Ġenerali talba għall-annullament parzjali tar-Regolament Nru 172/2008, sa fejn dan kien jikkonċernahom. Ir-rikors għal annullament ippreżentat minn dawn iż-żewġ kumpanniji kontra dan ir-regolament ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali permezz tas-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, CHEMK u KF vs Il-Kunsill (T-190/08, EU:T:2011:618). L-appell ippreżentat mill-imsemmija kumpanniji kontra din is-sentenza ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz tas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, CHEMK u KF vs Il-Kunsill (C-13/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:780).

14 Fi tmiem talba għal eżami mill-ġdid *interim* parzjali mressqa minn dawn l-istess kumpanniji fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill adotta, fis-16 ta' Jannar 2012, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 60/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jtemm ir-reviżjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, tal-miżuri tal-antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ferrosilikon li joriġinaw, *inter alia*, fir-Russja (ĠU 2012, L 22, p. 1). Il-miżura antidumping fis-seħħ ġiet ikkonfermata.

15 Iż-żamma, f'dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, tal-livell ta' dazju antidumping stabbilit mir-Regolament Nru 172/2008 ġiet ikkontestata minn CHEMK u minn KF quddiem il-Qorti Ġenerali, li ċaħdet ir-rikors tagħhom permezz tas-sentenza tat-28 ta' April 2015, CHEMK u KF vs Il-Kunsill

(T-169/12, EU:T:2015:231). L-appell ippreżentat minn dawn il-kumpanniji kontra din is-sentenza ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' digriet tad-9 ta' Ġunju 2016, CHEMK u KF vs Il-Kunsill (C-345/15 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:433).

16 Bejn it-30 ta' Lulju 2009 u l-10 ta' Diċembru 2010, RFA ressqet quddiem il-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 11(8) tar-Regolament bażiku, l-ewwel sensiela ta' talbiet għal rimbors ta' dazji antidumping li hija kienet ħallset matul il-perijodu inkluż bejn is-7 ta' Jannar 2009 u l-10 ta' Diċembru 2010, għall-importazzjonijiet ta' prodotti ta' CHEMK u ta' KF. L-investigazzjoni ta' rimbors kienet tirrigwarda l-perijodu inkluż bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u t-30 ta' Settembru 2010. Il-Kummissjoni, fid-dawl tal-kalkolu ta' marġni ta' dumping ġodda, qasmet dan il-perijodu f'żewġ partijiet. L-ewwel parti kienet mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009 (iktar 'il quddiem l-"ewwel perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors") filwaqt li t-tieni parti kienet mill-1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru 2010 (iktar 'il quddiem it-"tieni perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors").

17 Permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2012) 5577 final, C(2012) 5585 final, C(2012) 5588 final, C (2012) 5595 final, C (2012) 5596 final, C (2012) 5598 final u C(2012) 5611 final, tal-10 ta' Awwissu 2012, dwar it-talbiet ta' RFA dwar ir-rimbors ta' dazji antidumping imħallsa fuq l-importazzjonijiet ta' ferrosiliċju li joriġinaw mir-Russja, din l-istituzzjoni, minn naħa, laqgħet it-talbiet għal rimbors li jirrigwardaw l-ewwel perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors u, min-naħa l-oħra, ċaħdet dawk li jikkonċernaw it-tieni perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors. Dan ir-rifjut ġie kkontestat minn RFA quddiem il-Qorti Ġenerali, li ċaħdet ir-rikors permezz ta' sentenza tas-17 ta' Marzu 2015, RFA International vs Il-Kummissjoni (T-466/12, EU:T:2015:151). L-appell ippreżentat minn RFA minn din is-sentenza ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz tas-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, RFA International vs Il-Kummissjoni (C-239/15 P, mhux ippubblikata, EU:C:2017:337).

18 Bejn l-1 ta' Marzu 2011 u s-26 ta' Ġunju 2013, RFS ressqet quddiem il-Kummissjoni t-tieni sensiela ta' talbiet għal rimbors ta' dazji antidumping li hija kienet ħallset matul il-perijodu inkluż bjen l-1 ta' Ottubru 2010 u t-28 ta' Diċembru 2012, għall-importazzjonijiet ta' prodotti ta' CHEMK u ta' KF. L-investigazzjoni ta' rimbors miftuħa mill-Kummissjoni wara din it-talba l-ġdida rrigwardat il-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2010 sal-31 ta' Diċembru 2012, li kien maqsum, sabiex jiġu kkalkolati l-marġni ta' dumping ġodda, f'żewġ partijiet, rispettivament mill-1 ta' Ottubru 2010 sal-31 ta' Diċembru 2011 (iktar 'il quddiem it-"tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors") u mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 (iktar 'il quddiem ir-"raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors").

19 Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjonijiet kontenzjużi. Fit-taqsima dwar il-kostruzzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni ċaħdet, b'mod partikolari, it-talba mressqa minn RFA, skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, li ma jitnaqqsux id-dazji antidumping mill-prezz tal-esportazzjoni mfassal. Ir-raġunijiet li kienu l-bażi ta' dan ir-rifjut ġew miġbura fil-qosor mill-Qorti Ġenerali fil-punt 25 tas-sentenza appellata kif ġej:

"Il-Kummissjoni [indikat] li hija ma setgħetx tilqa' t-talba tar-rikorrenti, ibbażata fuq l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku […], li d-dazji antidumping ma jitnaqsux mill-prezz tal-ewwel bejgħ mill-ġdid lil xerrej indipendenti fl-Unjoni fil-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni mfassal. Din it-talba kienet iġġustifikata mir-rikorrenti minħabba r-riperkussjoni dovuta, fil-fehma tagħha, ta' dawn id-dazji fuq dan il-prezz ta' bejgħ mill-ġdid, kif dan kien ġie rrikonoxxut għall-ewwel u għat-tieni perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors. Ir-rikorrenti kienet sostniet li l-prezzijiet tagħha, iddeterminati bħala [prezzijiet 'kost, assigurazzjoni u nol' ('CIF')], kienu żdiedu rispettivament b'77 % u b'102 % bejn il-perijodu ta' investigazzjoni li wassal għar-Regolament [Nru 172/2008], li kien jestendi mill-1 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru 2006, u t-tielet u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors. F'dak li jikkonċerna l-prezzijiet 'mill-fabbrika', dawn kienu żdiedu b'193 % bejn il-perijodu ta' investigazzjoni li wassal għar-Regolament [Nru 172/2008] u t-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors. Madankollu, kuntrarjament għal dak li kien il-każ għall-ewwel u għat-tieni perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, il-Kummissjoni ma qisitx li kellha fil-pussess tagħha elementi li jiġġustifikaw

ir-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid lil xerrejja indipendenti fl-Unjoni. Hija enfasizzat, minn naħa, li l-prezzijiet proposti mir-rikorrenti, stabbiliti bħala prezzijiet 'mill-fabbika' u ['CIF'], kienu preċiżament prezzijiet li ma jinkludux id-dazji antidumping u, min-naħa l-oħra, li l-prezzijiet 'konsenja bid-dazju mħallas' tal-ewwel bejgħ mill-ġdid lil xerrej indipendenti fl-Unjoni kellhom ikopru l-ispejjeż tal-input kollha, inklużi, id-dazji antidumping. Issa, iċ-ċifri pprovduti mir-rikorrenti ma humiex konvinċenti fuq dan il-punt f'ħafna aspetti, b'mod partikolari għaliex huma jirriflettu miżuri, u konsegwentement ma humiex speċifikament marbuta mat-tranżazzjonijiet li għalihom intalab ir-rimbors tad-dazji antidumping. Fir-rigward tat-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, il-Kummissjoni kienet osservat li wieħed mill-produtturi kien qiegħed ibigħ b'telf lir-rikorrenti fuq ċertu bejgħ. Hija osservat ukoll inkoerenzi li jikkonċernaw l-ispejjeż skont l-użu ddestinat tal-prodotti. Fir-rigward tar-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors […], il-Kummissjoni [indikat, fil-punti 84 sa 85 u 87 tad-deċiżjonijiet kontenzjużi] li, f'99 % tal-każijiet, il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid wara l-importazzjoni fl-Unjoni ma kinux jirriflettu d-dazji antidumping, peress li ma kinux ikopru l-ispejjeż [kollha], inklużi dazji antidumping. Il-Kummissjoni żiedet f'dan ir-rigward li, bejn il-perijodu ta' investigazzjoni li wassal għar-Regolament [Nru 172/2008] u t-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, l-ispejjeż ta' produzzjoni tal-prodotti mibjugħa fl-Unjoni minn CHEMK u minn KF kienu żdiedu b'100 %, fejn din ir-rata żdiedet għal 109 % għar-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors."

20 Fid-dawl ta' dawn l-elementi u wara li għamlet l-aġġustamenti neċessarji sabiex tiżgura paragun xieraq, b'mod konformi mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali, li l-Kummissjoni niżlet, sabiex tagħmel dan, għal-livell "mill-fabbrika", din l-istituzzjoni identifikat marġni ta' dumping ta' 40.8 % għat-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors u ta' 42.8 % għar-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors. Peress li dawn il-marġni ta' dumping kienu ogħla mir-rata tad-dazju antidumping ta' 22.7 % stabbilita fir-Regolament Nru 172/2008, il-Kummissjoni ċaħdet it-talbiet għal rimbors imressqa mir-rikorrenti.

21 Fit-28 ta' Novembru 2012, wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti tal-miżuri antidumping li jirriżultaw mir-Regolament Nru 172/2008, il-Kumitat ta' Kooperazzjoni tal-Industriji ta' Ligi tal-Ħadid talab il-ftuħ ta' eżami mill-ġdid ta' dawn il-miżuri. Peress li kkunsidrat li kienu ġew prodotti provi suffiċjenti għal dan il-għan, il-Kummissjoni ppubblikat, fit-28 ta' Frar 2013, l-Avviż ta' tnedija ta' reviżjoni ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-ferrosiliċju li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mir-Russja (ĠU 2013, C 58, p. 15). L-investigazzjoni dwar it-tkomplija jew dwar ir-rikorrenza tad-dumping irrigwardat il-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2012. L-eżami tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu kien fir-rigward tiegħu sar fir-rigward tal-perijodu ta' erba' snin mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2012.

22 Fid-9 ta' April 2014, Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 360/2014, li jimponi dazju ta' antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-ferrosiliċju li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u r-Russja, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU 2014, L 107, p. 13). F'dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ppreċiżat b'mod partikolari li, matul il-perijodu ta' investigazzjoni li jikkorrispondi għas-sena 2012, f'99 % tal-każijiet, il-prezz ta' bejgħ mill-ġdid lil xerrej indipendenti fl-Unjoni ma kienx jirrifletti l-livell tad-dazji antidumping u li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, kellhom jitnaqqsu minn dan il-prezz sabiex jirriżulta l-prezz tal-esportazzjoni mfassal. Il-paragun tal-valur normali u tal-prezz tal-esportazzjoni hekk imfassal, b'kunsiderazzjoni ta' diversi aġġustamenti sabiex isir paragun xieraq b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, wassal lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li jeżisti marġni ta' dumping, espress bħala perċentwali tal-prezz ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni qabel l-isdoganament, ta' 43 % għall-perijodu ta' investigazzjoni dwar il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2012. Konsegwentement, hija żammet id-dazju antidumping ta' 22.7 % applikabbli għall-esportazzjonijiet tal-prodotti ta' CHEMK u ta' KF sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 172/2008. Ir-rikors

ippreżentat minn dawn iż-żewġ kumpanniji kontra l-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali, permezz ta' sentenza tal-15 ta' Novembru 2018, CHEMK u KF vs Il-Kummissjoni (T-487/14, EU:T:2018:792). Din is-sentenza ma ġietx appellata.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

23 B'rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-4 ta' Marzu 2015, RFA ippreżentat rikors intiż għall-annullament totali jew parzjali tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, billi invokat tliet motivi f'dan ir-rigward. Hija biss ir-risposta tal-Qorti Ġenerali għat-tieni wieħed minn dawn il-motivi li tissemma minn RFA fl-appell tagħha.

24 Permezz ta' dan it-tieni motiv, ir-rikorrenti sostniet, essenzjalment, li l-Kummissjoni, billi bidlet il-metodoloġija użata għall-evalwazzjoni tar-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni mingħajr ma dan kien iġġustifikat minn bidla fiċ-ċirkustanzi, jiġifieri billi ddeterminat dawn il-prezzijiet fid-dawl tal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-ferrosiliċju fir-Russja kif kienu żvelati fil-mument tat-tielet u tar-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, minflok ma analizzathom fir-rigward tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni, kif stabbiliti matul investigazzjonijiet preċedenti u, b'mod partikolari, matul l-investigazzjoni ta' eżemi mill-ġdid *interim* li tat lok għar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 60/2012, kisret l-Artikolu 11(9) u (10) tar-Regolament bażiku. Skont RFA, l-applikazzjoni tal-istess metodu bħal dak użat matul dan l-eżami mill-ġdid *interim* kellha twassal lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni mfassal, sabiex ma tnaqqasx id-dazji antidumping imħallsa matul it-tielet u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors mill-prezz tal-ewwel bejgħ mill-ġdid lil xerrej indipendenti fl-Unjoni, peress li l-imsemmija dazji kienu kompletament riflessi f'dawn il-prezzijiet tal-aħħar.

25 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu u kkundannat lil RFA għall-ispejjeż. Hija kkunsidrat b'mod partikolari, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tat-tieni motiv, dan li ġej:

> "69 […] [F]ir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, huwa ġġustifikat li, fil-każ ta' evoluzzjoni sinjifikattiva tal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-prodotti inkwistjoni bejn il-perijodu ta' investigazzjoni preċedentement meħud inkunsiderazzjoni u l-perijodu ta' investigazzjoni l-ġdid, il-Kummissjoni, sabiex tiddetermina jekk id-dazji antidumping humiex debitament riflessi fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid ta' dawn il-prodotti fl-Unjoni matul dan l-aħħar perijodu, ma tiħux inkunsiderazzjoni l-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid użati matul l-ewwel minn dawn il-perijodi, iżda spejjeż ikkonstatati matul il-perijodu ta' investigazzjoni ġdid. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma validi anki jekk jista' jiġi kkunsidrat li kien hemm tibdil fil-metodu meta mqabbel ma' dak li sar fil-kuntest ta' investigazzjoni preċedenti, bħalma huwa l-każ f'din il-kawża, kuntrarjament għal dak li ssostni prinċipalment il-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet [kontenzjużi] […]
>
> 70 Din il-prassi hija intiża li tiżgura s-saħħa tal-analiżi fil-paragun ta' sitwazzjonijiet kumplessi mill-perspettiva ekonomika, mhux biss sabiex tiġi ġġustifikata l-fondatezza tal-miżuri adottati abbażi tal-leġiżlazzjoni dwar l-antidumping, iżda wkoll sabiex tiżgura, fost l-operaturi li jistgħu jkunu suġġetti għal tali miżuri, il-konformità mal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tal-ugwaljanza fit-trattament. Għaldaqstant, għalkemm li tiġi żgurata, fl-analiżi ekonomika, s-saħħa tal-paragun tas-sitwazzjoni bejn żewġ perijodi jkun jiġġustifika, fil-prinċipju, l-applikazzjoni tal-istess metodu, dan ma huwiex il-każ meta l-parametri rilevanti jkunu nbidlu b'mod suffiċjenti sabiex irendu l-applikazzjoni tal-metodu użat preċedentement bħala mhux xierqa sabiex jintlaħaq riżultat affidabbli, f'dan il-każ sabiex jiġi evalwat jekk id-dazji antidumping ġewx riflessi debitament jew le fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u l-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2014, Valimar, C-374/12, EU:C:2014:2231, punti 50 u 59). Kif issostni l-Kummissjoni, għalkemm l-ispejjeż ta' produzzjoni

żdiedu b'mod sinjifikattiv bejn iż-żewġ perijodi pparagunati, żieda fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni, anki jekk tkun kunsiderevoli, ma tiggarantixxix neċessarjament li d-dazji antidumping ikunu ġew debitament riflessi, jiġifieri riflessi kompletament, fl-istabbiliment ta' dawn il-prezzijiet. L-ispejjeż ta' produzzjoni jistgħu jkunu żdiedu iktar mill-prezzijiet. F'dan il-każ, minkejja li l-prezzijiet il-ġodda jkunu ogħla mill-prezzijiet l-antiki miżjuda bid-dazji antidumping, il-partijiet ikkonċernati ma jirriflettux debitament id-dazji antidumping fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-ispejjeż ta' produzzjoni tagħhom.

71 L-argumenti mressqa mir-rikorrenti f'dan il-kawża ma humiex ta' natura li jikkontestaw din l-analiżi. L-ewwel nett, kuntrarjament għal dak li ssostni, essenzjalment, ir-rikorrenti, l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku bl-ebda mod ma jimplika, sa fejn jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk '[i]d-dazju huwa rifless kif suppost fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid', li huwa biss l-ekwivalenti tad-dazju antidumping li għandu jiġi inkluż fil-prezz il-ġdid ta' bejgħ mill-ġdid flimkien mal-prezz ta' bejgħ mill-ġdid preċedentement applikat sabiex tkun tista' tinkiseb tweġiba pożittiva. Fil-fatt, dazju addizzjonali għall-ispejjeż normalment sostnuti 'huwa rifless kif suppost' biss jekk jiżdied ma' dawn l-ispejjeż l-oħra. Issa, jekk dawn l-ispejjeż l-oħra jiżdiedu, iżda l-prezz tal-bejgħ mill-ġdid jiżdied f'livell inqas, id-dazju, fir-realtà, jiġi miżjud biss parzjalment jew ma jiġix miżjud assolutament ma' dawn l-ispejjeż l-oħra, anki jekk l-ekwivalenti tad-dazju jkun ġie miżjud mal-prezz ta' bejgħ mill-ġdid li kien preċedentement applikat. L-estratt tal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rimbors tad-dazji antidumping […] bl-ebda mod ma jikkontradixxi din l-analiżi. L-istess japplika għas-sentenza tat-18 ta' Novembru 2015, Einhell Germany *et* vs Il-Kummissjoni (T-73/12, EU:T:2015:865), invokata mir-rikorrenti. B'mod partikolari, il-punt 155 ta' din is-sentenza jindika, moqri fil-kuntest tiegħu, li metodu differenti mill-paragun tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid applikati fl-Unjoni qabel u wara l-impożizzjoni tad-dazji antidumping jista' jkun xieraq sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn id-dazji humiex riflessi jew le fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid ġodda fl-Unjoni.

72 Fir-rigward tal-elementi konkreti tal-każ inkwistjoni, fir-rigward tar-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, li jikkorrispondi għas-sena 2012, għandu jiġi rrilevat li, fid-deċiżjonijiet [kontenzjużi], pereżempju fil-premessa 85 tad-Deċiżjoni C(2014) 9805 final, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet seħħet żieda sinjifikattiva ta' 109 % fl-ispejjeż ta' produzzjoni meta mqabbla mal-perijodu ta' investigazzjoni inizjali, mingħajr ma dan ġie kkontestat fuq il-mertu mir-rikorrenti, b'mod partikolari fil-kuntest ta' dan ir-rikors. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex jiġi ddeterminat jekk id-dazji antidumping kinux ġew riflessi kif suppost fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni applikati mir-rikorrenti f'isem CHEMK u KF matul ir-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, kien iġġustifikat li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż ta' produzzjoni osservati fl-2012 minflok il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid użati matul l-investigazzjoni inizjali.

73 Issa, f'sitwazzjoni fejn, kif indikat il-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet [kontenzjużi], pereżempju fil-premessa 84 tad-Deċiżjoni C(2014) 9805 final, il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni jkopru biss f'1 % tal-każijiet l-ispiża tal-prodotti, inkluż id-dazju antidumping, bl-ebda mod ma jintwera li, dawn id-dazji huma effettivament riflessi kif suppost.

74 Anki ż-żieda ta' iktar minn 100 % tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid bejn il-perijodu ta' investigazzjoni inizjali u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, li tagħmel riferiment għaliha r-rikorrenti, hija insuffiċjenti f'dan il-kuntest sabiex jintwera li d-dazji antidumping ġew riflessi kompletament matul it-tieni wieħed minn dawn il-perijodi. Fil-fatt, huwa biżżejjed, kif ġie indikat essenzjalment fil-punt 70 iktar 'il fuq, li l-ispejjeż ta' produzzjoni jkunu żdiedu iktar mill-prezzijiet applikati sabiex dawn ma jirriflettux debitament id-dazji antidumping, fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-ispejjeż ta' produzzjoni. Issa, dan huwa *a priori* stabbilit biċ-ċirkustanza, irrilevata mill-Kummissjoni, li f'99 % tal-każijiet, l-ispejjeż tal-prodotti, inkluż id-dazju antidumping, ma kinux koperti mill-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni fl-2012.

75 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament naqqset id-dazju antidumping mill-prezz ta' bejgħ mill-ġdid lill-ewwel xerrej indipendenti fl-Unjoni sabiex tiddetermina l-prezz ta' esportazzjoni kkalkolat għar-raba' perijodu ta' investigazzjoni tar-rimbors, peress li ma kienx ġie stabbilit li d-dazju antidumping kien ġie debitament rifless fuq l-ewwel wieħed minn dawn il-prezzijiet.

[…]

77 Madankollu, il-Kummissjoni ġustament issostni, kif hija esponiet fid-deċiżjonijiet [kontenzjużi], pereżempju fil-premessa 78 tad-Deċiżjoni C(2014) 9805 final, li l-analiżi tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni sabiex jiġi ddeterminat sa fejn dawn jirriflettu d-dazji antidumping għandha ssir fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni wara l-ħlas ta' dawn id-dazji, jiġifieri, bħala definizzjoni, fi stadju ta' tqegħid fis-suq fejn il-prezz jieħu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż addizzjonali meta mqabbla ma' dawk ikkunsidrati fl-istadju tal-prezz 'mill-fabbrika' jew tal-prezzijiet [CIF]. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, meta r-Regolament bażiku jipprevedi li ċerti prezzijiet jiġu aġġustati fi stadju kummerċjali differenti minn dak li japplikaw għalih, dan isir sabiex jiġi żgurat paragun ġust tal-prezzijiet li ma jirriflettux neċessarjament l-istess servizzi. B'hekk, l-Artikolu 2(10)(d) tar-Regolament bażiku […] jipprevedi li l-paragun ġust tal-prezz tal-esportazzjoni u tal-valur normali jista' jeħtieġ aġġustamenti li jieħdu inkunsiderazzjoni istadji kummerċjali differenti li fihom ġew applikati dawn il-prezzijiet. Madankollu, dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni biss fil-kuntest tal-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, li ma jipprevedix tali aġġustamenti. Min-naħa l-oħra, ma jkunx koerenti, sa fejn huwa ġġustifikat li, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, f'ċerti sitwazzjonijiet bħal dik ta' dan il-każ, il-Kummissjoni tanalizza l-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid billi tieħu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż kollha mġarrba qabel dan il-bejgħ mill-ġdid […], analiżi tal-prezzijiet iffissati fl-istadju tal-prezz 'mill-fabbrika' jew tal-prezzijiet [CIF], anki jekk wieħed iżid id-dazji antidumping b'mod artifiċjali ma' dawn il-prezzijiet bħalma r-rikorrenti tallega li sar, jiġifieri mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni numru partikolari ta' spejjeż imġarrba qabel tali bejgħ mill-ġdid. Barra minn hekk, f'tali sitwazzjonijiet, ma huwiex neċessarju li jsir paragun tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni bejn żewġ perijodi suċċessivi, paragun li, bħal f'dan il-każ, jista' jiġi affettwat minħabba n-nuqqas ta' omoġeneità fiż-żmien tal-istadji kummerċjali li matulhom l-importaturi tal-prodotti kkonċernati ffatturaw lill-ewwel xerrejja indipendenti fl-Unjoni. Min-naħa l-oħra, huwa indispensabbli li jiġi vverifikat jekk l-elementi pprovduti mill-importatur ikkonċernat jurux li l-prezz effettivament imħallas minn dawn ix-xerrejja matul il-perijodu eżaminat jirriflettix debitament id-dazji antidumping. F'dan ir-rigward, fid-deċiżjonijiet [kontenzjużi] ġie indikat, mingħajr ma dan ġie kkontestat mir-rikorrenti, li, matul dan il-perijodu, fil-parti l-kbira hija kienet tbigħ il-prodotti abbażi tal-prezz ta' 'konsenja bid-dazju mħallas', jiġifieri li jinkludi l-ispejjeż kollha mġarrba qabel il-kunsinna, li seta' jiffaċilita l-verifika msemmija iktar 'il fuq.

78 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet applikati fl-istadju tal-prezz 'mill-fabbrika' jew ['CIF'], jew saħansitra miżjuda bid-dazji antidumping, sabiex jiġi ġġustifikat li, matul it-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, hija kienet tirrifletti d-dazji antidumping fuq il-prezzijiet tagħha ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni. Ir-rikorrenti kellha tipproduċi elementi li juru li l-prezzijiet ta' 'konsenja bid-dazju mħallas' li hija applikat matul dan il-perijodu jkopru l-ispejjeż kollha mġarrba f'dan l-istadju fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni, inklużi d-dazji antidumping, ħaġa li hija ma għamlitx. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament naqqset id-dazju antidumping mill-prezz ta' bejgħ mill-ġdid lill-ewwel xerrej indipendenti fl-Unjoni sabiex tiddetermina l-prezz ta' esportazzjoni kkalkolat għat-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, peress li ma kienx intwera li d-dazju antidumping kien debitament rifless fuq l-ewwel wieħed minn dawn il-prezzijiet. Konsegwentement, ma huwiex neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti mressqa mill-partijiet dwar l-affidabbiltà jew il-metodu ta' kalkolu ta' dawn il-prezzijiet 'mill-fabbrika' jew ['CIF']. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti, magħmula fir-replika, li skontha, anki l-paragun tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-istadju ta' 'konsenja bid-dazju mħallas' jagħti riżultat li jagħti lok għal rimbors parzjali tad-dazji, għandu jiġi indikat li, fi kwalunkwe każ,

din ma hijiex sostnuta biżżejjed sabiex tkun tista' tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet [kontenzjużi] (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2015, RFA International vs Il-Kummissjoni, T-466/12, EU:T:2015:151, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni motiv tar-rikorrenti, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 11(9) u (10) tar-Regolament bażiku fil-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni, ukoll ma huwiex fondat."

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

26 RFA titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiddeċiedi definittivament dwar it-tilwima, jekk din hija fi stat li tiġi deċiża;

– sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostunti fil-kuntest tal-proċeduri mressqa quddiemi l-Qorti tal-Ġustizzja u quddiem il-Qorti Ġenerali.

27 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell bħala infondat u

– tikkundanna lil RFA għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

28 Insostenn tal-appell tagħha, RFA tqajjem żewġ aggravji. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, li jirrigwarda l-punti 69 sa 71 tas-sentenza appellata, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li vvizzjat din is-sentenza b'nuqqas ta' motivazzjoni, li fformulat konstatazzjonijiet ta' fatt materjalment mhux eżatti u li wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, li jirrigwarda l-punti 72 sa 75, 77 u 78 tas-sentenza appellata, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(10) ta' dan ir-regolament.

Fuq l-ewwel aggravju

29 L-ewwel aggravju jinkludi żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni, sa fejn il-Qorti Ġenerali ma weġbitx għall-argument tagħha dwar l-assenza ta' bidla fiċ-ċirkustanzi. Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li fformulat konstatazzjonijiet ta' fatt materjalment mhux eżatti u li wettqet żball ta' liġi fil-kuntest tal-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku.

Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, ibbażata fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

– L-argumenti tal-partijiet

30 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, RFA tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha sa fejn, minn naħa, billi ġabret fil-punti 69 sa 71 tas-sentenza appellata r-raġunijiet esposti mir-rikorrenti dwar il-ksur, mill-Kummissjoni, tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, hija naqset milli tindirizza l-argument dwar l-assenza ta' bidla fiċ-ċirkustanzi, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

31 Min-naħa l-oħra, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali ma esponietx b'mod suffiċjenti fid-dritt, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-raġunijiet li għalihom waslet għall-konklużjoni tagħha dwar l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku.

32 Il-Kummissjoni tqis li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija infondata.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

33 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni tas-sentenzi, impost fuq il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 36 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ma jimponix li din tipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti u individwali r-raġunamenti kollha spjegati mill-partijiet fit-tilwima. Il-motivazzjoni tista' għalhekk tkun impliċita, bil-kundizzjoni li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs McBride *et*, C-361/14 P, EU:C:2016:434, punt 61, kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2017, PPG u SNF vs ECHA, C-650/15 P, EU:C:2017:802, punt 44).

34 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi kkonstatat li, billi rreferiet, fil-punti 69 sa 71 tas-sentenza appellata, għaż-żieda sinjifikattiva tal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-ferrosiliċju fir-Russja, li kienet seħħet bejn iż-żewġ perijodi ta' investigazzjoni kkunsidrati, il-Qorti Ġenerali indirizzat sew l-argument dwar il-bidla fiċ-ċirkustanzi.

35 Barra minn hekk, hija enfasizzat, b'mod partikolari fil-punti 69 u 70 tas-sentenza appellata, ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-konklużjoni li adottat fir-rigward tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, minn naħa, billi rreferiet għall-Artikolu 11(10) ta' dan ir-regolament, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fl-ewwel sentenza tal-punt 69 ta' din is-sentenza, li kien iġġustifikat, fil-każ ta' evoluzzjoni sinjifikattiva tal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-prodott inkwistjoni bejn il-perijodu ta' investigazzjoni li kien preċedentement ittieħed inkunsiderazzjoni u l-perijodu ta' investigazzjoni ġdid, li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni matul dan l-aħħar perijodu, mhux prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid li jaqgħu taħt l-ewwel minn dawn il-perijodi, iżda spejjeż ikkonstatati matul il-perijodu ta' investigazzjoni ġdid. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali, wieġbet b'mod impliċitu għall-argument tar-rikorrenti bbażat fuq ksur tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, iddeċidiet fit-tieni sentenza tal-punt 69 tas-sentenza appellata li "[d]awn il-kunsiderazzjonijiet huma validi anki jekk jista' jiġi kkunsidrat li kien hemm tibdil fil-metodu meta mqabbel ma' dak li sar fil-kuntest ta' investigazzjoni preċedenti, bħalma huwa l-każ f'din il-kawża, kuntrarjament għal dak li ssostni prinċipalment il-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet ikkontestati". F'dan ir-rigward hija esponiet, fil-punt 70 tal-imsemmija sentenza, ir-raġunijiet li għalihom bidla fil-metodu kienet fi kwalunkwe każ iġġustifikata.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, għalkemm huwa minnu li l-argumenti tar-rikorrenti ġew eżaminati fil-qosor fis-sentenza appellata, xorta jibqa' l-fatt li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwa ċar u ta' natura li jippermetti kemm lill-Qorti tal-Ġustizzja li twettaq l-istħarriġ ġudizzjarju

tagħha, kif ukoll lir-rikorrenti li tkun taf ir-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali ċaħdet b'mod impliċitu l-argument tagħha li ebda bidla fiċ-ċirkustanzi li tista' tiġġustifika bidla fil-metodu, skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, ma kienet isseħħ bejn iż-żewġ perijodi kkunsidrati. Isegwi li l-Qorti Ġenerali b'hekk issodisfat l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

37 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata miċ-ċirkustanza li RFA ma taqbilx mal-analiżi li saret mill-Qorti Ġenerali fl-imsemmija punti 69 sa 71 tas-sentenza appellata. Fil-fatt, din iċ-ċikustanza ma tistax tistabbilixxi l-eżistenza ta' nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata, peress li tali nuqqas ta' qbil jirrigwarda l-fondatezza ta' din l-analiżi (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-14 ta' April 2016, KS Sports vs EUIPO, C-480/15 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:266, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, l-ilmenti u l-argumenti intiżi sabiex jikkontestaw il-fondatezza ta' att huma irrilevanti fil-kuntest ta' motiv ibbażat fuq nuqqas jew fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, Ipatau vs Il-Kunsill, C-535/14 P, EU:C:2015:407, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Fid-dawl ta' dawn l-elementi preċedenti, hemm lok li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju, ibbażata fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku u fuq konstatazzjonijiet ta' fatt materjalment mhux eżatti

– L-argumenti tal-partijiet

40 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tagħha, RFA ssostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 69 sa 71 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku u, barra minn hekk, wettqet konstatazzjonijiet ta' fatt materjalment mhux eżatti.

41 Fl-ewwel lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kkunsidrat b'mod żbaljat li l-Kummissjoni setgħet, ġustament, twettaq evalwazzjoni tar-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni mhux fir-rigward tal-prezz ta' bejgħ mill-ġdid identifikat fl-okkażjoni tal-investigazzjonijiet preċedenti, jiġifieri, b'mod partikolari, dik li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 172/2008 u l-investigazzjonijiet ta' rimbors preċedenti li jikkonċernaw l-istess miżuri, iżda fir-rigward tal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-ferrosiliċju fir-Russja. B'dan il-mod, il-Kummissjoni ma applikatx l-istess metodu bħal dak użat preċedentement, mingħajr ma dan huwa ġġustifikat minn bidla fiċ-ċirkustanzi, fis-sens tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku.

42 F'dan ir-rigward, RFA tippreċiża li ebda bidla fiċ-ċirkustanzi, li tista' tiġġustifika l-abbandun tal-metodu użat preċedentement, ma seħħet f'dan il-każ. Fil-fatt, il-bidla meqjusa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 69 sa 71 tas-sentenza appellata, marbuta maż-żieda ta' iktar minn 100 % tal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-ferrosiliċju fir-Russja, kienet teżisti u kienet diġà magħrufa mill-Kummissjoni matul l-investigazzjonijiet preċedenti mwettqa matul is-snin 2008 sa 2010.

43 F'dan ir-rigward, l-appellanti ssostni, minn naħa, li, billi bbażat ruħha fuq il-premessa rrilevata mill-Kummissjoni, li ż-żieda fl-ispejjeż ta' produzzjoni tal-prodott inkwistjoni seħħet biss matul it-tielet u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, il-Qorti Ġenerali fformulat, fil-punti kkontestati tas-sentenza appellata, konstatazzjonijiet ta' fatt materjalment mhux eżatti. Issa, dawn il-konstatazzjonijiet ta' fatt żbaljati wasslu għal evalwazzjonijiet żbaljati fid-dritt, li jmorru kontra ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li, jekk iċ-ċirkustanzi allegati kienu diġà jeżistu matul investigazzjonijiet preċedenti, ma jkunx hemm bidla fiċ-ċirkustanzi, fis-sens tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku (sentenza tat-3 ta' Mejju 2018, Distillerie Bonollo *et* vs Il-Kunsill, T-431/12, EU:T:2018:251).

44 Min-naħa l-oħra, fir-replika tagħha, l-appellanti tirrileva li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti meta kkunsidrat li ż-żieda fl-ispejjeż ta' produzzjoni, invokata mill-Kummissjoni, kienet seħħet biss matul it-tielet u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, filwaqt li din iż-żieda kienet diġà teżisti matul investigazzjonijiet li kienu seħħew matul is-snin 2008 sa 2010.

45 Fit-tieni lok, l-appellanti tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali li ma kkonstatatx li l-Kummissjoni naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti tal-oneru tal-prova li hija għandha skont il-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku (sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials vs Il-Kunsill, C-15/12 P, EU:C:2013:572, punti 17 u 18), peress li hija wettqet bidla fil-metodu, mingħajr madankollu ma wriet li ċ-ċirkustanzi kienu nbidlu.

46 Fit-tielet lok, l-appellanti tqis, essenzjalment, li l-motivi meqjusa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 70 tas-sentenza appellata jindikaw li l-bidla fil-metodu li għalhekk seħħ kienet iġġustifikata mill-fatt li l-metodu l-ġdid, applikat mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tielet u tar-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, kien "iktar xieraq". Issa, billi għamlet hekk, il-Qorti Ġenerali ma kkonformatx mal-ġurisprudenza li tistabbilixxi lim sabiex tkun iġġustifikata bidla fil-metodu, ma huwiex suffiċjenti li metodu ġdid ikun iktar xieraq minn dak l-antik, meta dan tal-aħħar huwa konformi mal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku (sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, Huvis vs Il-Kunsill, T-221/05, mhux ippubblikata, EU:T:2008:258, punt 50).

47 Barra minn hekk, l-appellanti tikkritika l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fl-istess punt 70 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-bidla fil-metodu tiżgura kemm is-soliditàtal-analiżi fil-paragun ta' sitwazzjonijiet kumplessi fil-livell ekonomiku kif ukoll l-ugwaljanza fit-trattament bejn l-operaturi li jistgħu jkunu s-suġġett tal-istess miżuri.

48 Fir-raba' lok, RFA tikkontesta l-argument imressaq mill-Kummissjoni li l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku ma huwiex applikabbli f'dan il-każ, fir-rigward tal-fatt li l-kwistjoni ta' tnaqqis possibbli tad-dazji antidumping imħallsa mill-prezz tal-esportazzjoni ma setgħetx tqum fil-kuntest tal-investigazzjoni inizjali li tat lok għar-Regolament Nru 172/2008.

49 Skont l-appellanti, dan l-argument tal-Kummissjoni huwa żbaljat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

50 Din il-kunsiderazzjoni hija sostnuta, fil-livell fattwali, mis-suġġett stess ta' dan l-appell, sa fejn dan ma jirrigwardax il-kostruzzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni, hekk kif interpretatha l-Kummissjoni, iżda dwar il-bidla fil-metodu li seħħ, f'dak li jikkonċerna l-kalkolu tal-marġni ta' dumping, bejn l-investigazzjoni inizjali li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 172/2008 u t-tielet u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors.

51 Fuq livell ġuridiku, l-appellanti ssostni, minn naħa, li, jekk jintlaqa' l-argument tal-Kummissjoni, dan ikollu l-konsegwenza li jċaħħad l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku mill-effett tiegħu, sa fejn qatt ma jkun hemm investigazzjoni inizjali bi prezz tal-esportazzjoni mfassal, li matul il-kalkolu tiegħu għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni dazji antidumping imħallsa. Min-naħa l-oħra, it-tentattiv moħbi ta' sostituzzjoni tal-motivi tal-Kummissjoni huwa wkoll legalment żbaljat, peress li la l-Kummissjoni, irrispettivament mill-kuntest tal-proċedura amministrattiva li pprekludiet l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi jew ukoll matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, u lanqas din tal-aħħar ma taw x'jifhmu li din id-dispożizzjoni ma tapplikax f'dan il-każ.

52 Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment ineffettiva jew, fi kwalunkwe każ, bħala infondata.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

53 Skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, fl-investigazzjonijiet ta' eżami mill-ġdid kollha, il-Kummissjoni għandha tapplika, sa fejn iċ-ċirkustanzi ma jkunux inbidlu, l-istess metodu bħal dak użat waqt l-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tad-dazju antidumping inkwistjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament.

54 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eċċezzjoni li tippermetti lill-istituzzjonijiet li japplikaw, matul il-proċedura ta' eżami mill-ġdid, metodu differenti minn dak użat fil-proċedura inizjali meta ċ-ċirkustanzi jkunu nbidlu għandha neċessarjament tiġi interpretata b'mod strett, peress li deroga jew eċċezzjoni minn regola ġenerali għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv (sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials vs Il-Kunsill, C-15/12 P, EU:C:2013:572, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-istituzzjonijiet li għandhom juru li ċ-ċirkustanzi nbidlu sabiex jiġi applikat, matul investigazzjoni tal-eżami mill-ġdid jew ta' rimbors, metodu differenti minn dak implimentat matul l-investigazzjoni inizjali (sentenza tad-19 ta' Settembru 2013,.Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials vs Il-Kunsill, C-15/12 P, EU:C:2013:572, punt 18).

56 Madankollu r-rekwiżit ta' interpretazzjoni stretta ma jistax jippermetti lill-istituzzjonijiet li jinterpretaw u li japplikaw din id-dispożizzjoni b'mod inkompatibbli mal-formulazzjoni u mal-iskop tagħha (sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials vs Il-Kunsill, C-15/12 P, EU:C:2013:572, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li d-differenza fl-approċċ tal-Kummissjoni, kif ivvalidata mill-Qorti Ġenerali fl-ewwel sentenza tal-punt 69 tas-sentenza appellata, li tipprovdi li "huwa ġġustifikat li fil-każ ta' evoluzzjoni sinjifikattiva tal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-prodotti inkwistjoni bejn il-perijodu ta' investigazzjoni preċedentement meħud inkunsiderazzjoni u l-perijodu ta' investigazzjoni l-ġdid, il-Kummissjoni, sabiex tiddetermina jekk id-dazji antidumping humiex debitament riflessi fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid ta' dawn il-prodotti fl-Unjoni matul dan l-aħħar perijodu, ma tiħux inkunsiderazzjoni l-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid użati matul l-ewwel minn dawn il-perijodi, iżda spejjeż ikkonstatati matul il-perijodu ta' investigazzjoni ġdid", ma hijiex ġejja minn "bidla fil-metodu" fis-sens tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, iżda minn sempliċi aġġornament tal-parametru dwar l-ispejjeż ta' produzzjoni tal-prodott inkwistjoni.

58 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat, barra minn hekk, li preċiżazzjonijiet li jikkonċernaw din id-differenza fil-perċezzjoni tar-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni ġew ipprovduti mill-Kummissjoni bħala tweġiba għall-mistoqsijiet bil-mitkub li kienu ntbagħtu lilha mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' din il-proċedura. Hija għalhekk irrilevat kif ġej:

"Skont iċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ, jeżistu diversi punti ta' paragun rilevanti possibbli sabiex jiġi evalwat jekk żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ lil klijenti indipendenti fi ħdan l-Unjoni tinkorporax id-dazji antidumping imħallsa.

Jekk is-sitwazzjoni fattwali ma tkunx differenti minn dik li kienet prevalenti matul il-perijodu tal-investigazzjoni [inizjali] li wasslet għall-impożizzjoni [tad-dazju antidumping], l-ewwel stadju jikkonsisti fil-limitazzjoni tal-paragun tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid (u ta' bejgħ sussegwenti) tal-perijodu ta' investigazzjoni dwar ir-rimbors ma' dawk tal-perijodu ta' investigazzjoni inizjali. Madankollu, dan il-paragun bejn żewġ dħul matul perijodi differenti huwa suffiċjenti biss jekk il-fatturi l-oħra li jistgħu jinfluwenzaw il-livell tal-prezzijiet ikunu baqgħu l-istess ħlief matul il-perijodu ta' investigazzjoni inizjali, peress li l-prezzijiet setgħu naqsu jew żdiedu indipendentement mill-impożizzjoni ta' dazji antidumping.

Konsegwentement, it-tieni stadju, ibbażat fuq il-paragun tal-ispejjeż, jista' jkun meħtieġ meta, b'mod partikolari, investigazzjoni dwar ir-rimbors jew eżami mill-ġdid *interim* isseħħ ħafna żmien wara l-impożizzjoni inizjali tad-dazji antidumping. Fil-fatt, f'dan il-każ, il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid setgħu jinbidlu minħabba fatturi esterni (bħal modifika tal-ispejjeż tal-esportazzjoni, żieda jew tnaqqis tal-prezzijiet tal-materji primi, ċaqliq fil-prezzijiet dovuti, pereżempju, minħabba l-istaġun). […] Fil-każijiet fejn fatturi oħra influwenzaw il-prezz tal-bejgħ mill-ġdid, għandha ssir distinzjoni bejn dawn il-fatturi l-oħra tal-impatt potenzjali tad-dazju antidumping sabiex jiġi ddeterminat jekk tali dazju huwiex effettivament 'rifless' fuq il-prezz ta' bejgħ mill-ġdid."

59 Isegwi li s-sempliċi aġġornament tal-parametru dwar l-ispejjeż ta' produzzjoni tal-prodott inkwistjoni, li l-Kummissjoni wettqet minħabba ż-żieda sinjifikattiva ta' dawn l-ispejjeż, li seħħ bejn l-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament Nru 172/2008 u t-tielet u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors li ppreċedew l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, ma jistax jitqies bħala bidla fil-metodu, fis-sens tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku.

60 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat fil-punt 69 tas-sentenza appellata, li kien hemm bidla fil-metodu meta mqabbel ma' dak li sar fil-kuntest ta' investigazzjoni preċedenti.

61 Madankollu, għandu jitfakkar li, għalkemm il-motivi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali jindikaw ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda li d-dispożittiv tagħha jkun jidher fondat minħabba motivi oħra ta' dritt, tali ksur ma huwiex ta' natura li jwassal għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u jkun hemm lok li ssir sostituzzjoni ta' motivi (sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Il-Kunsill vs LTTE, C-599/14 P, EU:C:2017:583, punt 75).

62 Dan huwa l-każ hawnhekk. Hekk kif jirriżulta mill-punti 57 sa 59 ta' din is-sentenza, l-istess metodu fis-sens tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku ġie applikat waqt investigazzjonijiet ikkonċernati b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet fil-punt 79 tas-sentenza appellata li l-motiv ibbażat fuq ksur ta' din id-dispożizzjoni kellu jiġi miċħud.

63 L-argumenti l-oħra invokati mill-appellanti fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, li huma kollha intiżi sabiex jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar in-natura ġġustifikata tal-allegata bidla fil-metodu li l-Kummissjoni kienet applikat fid-deċiżjonijiet kontenzjużi, huma wkoll ineffettivi għar-raġunijiet esposti fil-punti 57 sa 59 ta' din is-sentenza.

64 Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, hemm lok li t-tieni parti tal-ewwel aggravju tiġi miċħuda bħala ineffettiva. B'konsegwenza, hemm lok li l-ewwel aggravju jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq it-tieni aggravju

65 It-tieni aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, jinkludi żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali sa fejn applikat, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-prezzijiet il-ġodda għall-esportazzjoni, kriterju legali żbaljat, li abbażi tiegħu dawn il-prezzijiet kellhom jinkludu mhux biss id-dazji antidumping, iżda wkoll l-ispejjeż kollha ta' produzzjoni tal-prodott inkwistjoni. Permezz tat-tieni parti tal-imsemmi aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli kkunsidrat li, skont il-kriterju hekk elaborat, il-prova tal-inkorporazzjoni tad-dazji antidumping fil-prezzijiet tal-esportazzjoni setgħet tiġi prodotta biss permezz tal-informazzjoni dwar il-prezzijiet "konsenja bid-dazju mħallas".

Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju, ibbażata fuq li l-Qorti Ġenerali applikat kriterju legali żbaljat sabiex tiddetermina l-prezzijiet il-ġodda tal-esportazzjoni

– *L-argumenti tal-partijiet*

66 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju tagħha, RFA issostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 72 sa 75 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, sa fejn qieset li d-dazji antidumping li hija kienet ħallset matul it-tielet u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors ma kinux debitament riflessi fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u fuq il-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni, peress li l-prezzijiet tal-esportazzjoni ma kinux ikopru l-ispejjeż ta' produzzjoni kollha tal-prodotti inkwistjoni.

67 Il-konklużjoni misluta mill-Qorti Ġenerali fl-imsemmija punti hija legalment żbaljata, peress li la hija sostnuta mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku, jiġifieri l-premessa 17 u l-Artikolu 11(10) ta' dan ir-regolament, la mill-punt 4.1(b) tal-avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rimbors tad-dazji antidumping, u lanqas mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni.

68 Skont l-appellanti, l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku kien jirrikjedi biss li l-parti li titlob ir-rimbors tipproduċi provi konklużivi li skonthom id-dazji antidumping kienu debitament riflessi fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u fuq il-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni. Dan ir-rekwiżit ikun issodisfatt jekk seta' ġie stabbilit li l-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u l-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni kienu żdiedu b'mod suffiċjenti meta mqabbla mal-prezzijiet irrilevati matul il-perijodu ta' investigazzjoni inizjali. Fil-fatt, tali żieda tirrifletti l-fatt li dawn il-prezzijiet kienu jinkludu d-dazji antidumping.

69 Il-Kummissjoni tqis li l-ewwel parti tat-tieni aggravju hija parzjalment inammissibbli u parzjalment ineffettiva u, fi kwalunkwe każ, infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

70 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(8) tar-Regolament bażiku, importatur jista' jitlob ir-rimbors tad-dazji antidumping imħallsa jekk jista' juri li l-marġni ta' dumping li fuq il-bażi tiegħu dawn id-dazji kienu tħallsu kien ġie eliminat jew imnaqqas għal livell inferjuri għal-livell tad-dazju fis-seħħ,

71 Fl-Artikolu 11(10) ta' dan ir-regolament, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda l-possibbiltà, fil-kuntest tal-kostruzzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(9) tal-imsemmi regolament, li minn dan il-prezz ma jitnaqqas l-ammont li jikkorrispondi għad-dazji antidumping imħallsa, "meta tkun mogħtija evidenza konklużiva li [dan l-ammont] huwa rifless kif suppost fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u l-prezzijiet għall-bejgħ sussegwenti [fl-Unjoni]".

72 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 71 tas-sentenza appellata, li "l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku bl-ebda mod ma jimplika, sa fejn jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk '[i]d-dazju huwa rifless kif suppost fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid', li huwa biss l-ekwivalenti tad-dazju antidumping li għandu jiġi inkluż fil-prezz il-ġdid ta' bejgħ mill-ġdid flimkien mal-prezz ta' bejgħ mill-ġdid preċedentement applikat sabiex tkun tista' tinkiseb tweġiba pożittiva. Fil-fatt, dazju addizzjonali għall-ispejjeż normalment sostnuti 'huwa rifless kif suppost' biss jekk jiżdied ma' dawn l-ispejjeż l-oħra. Issa, jekk dawn l-ispejjeż l-oħra jiżdiedu, iżda l-prezz tal-bejgħ mill-ġdid jiżdied f'livell inqas, id-dazju, fir-realtà, jiġi miżjud biss parzjalment jew ma jiġix miżjud assolutament ma' dawn l-ispejjeż l-oħra, anki jekk l-ekwivalenti tad-dazju jkun ġie miżjud mal-prezz ta' bejgħ mill-ġdid li kien preċedentement applikat".

73 Fil-punti 72 sa 74 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali spjegat ir-raġunijiet li għalihom hija qieset li ż-żieda enfasizzata mir-rikorrenti ta' iktar minn 100 % tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid tal-prodott inkwistjoni fl-Unjoni bejn l-investigazzjoni inizjali u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors ma kinitx suffiċjenti, fiha nnifisha, sabiex turi li d-dazji antidumping kienu ġew kompletament riflessi f'dawn il-prezzijiet, billi sostniet, b'mod partikolari, li "huwa biżżejjed […] li l-ispejjeż ta' produzzjoni jkunu żdiedu iktar mill-prezzijiet applikati sabiex dawn ma jirriflettux debitament id-dazji antidumping, fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-ispejjeż ta' produzzjoni. Issa, dan huwa *a priori* stabbilit biċ-ċirkustanza, irrilevata mill-Kummissjoni, li f'99 % tal-każijiet, l-ispejjeż tal-prodotti, inkluż id-dazju antidumping, ma kinux koperti mill-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni [matul ir-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors]."

74 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 75 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kienet naqset id-dazji antidumping mill-prezz ta' bejgħ mill-ġdid lill-ewwel xerrej indipendenti fl-Unjoni sabiex tikkalkola l-prezz tal-esportazzjoni mfassal tal-prodott inkwistjoni għar-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, peress li r-rikorrenti ma kinitx uriet li dawn id-dazji kienu ġew debitament riflessi fuq l-ewwel wieħed minn dawn il-prezzijiet.

75 Qabelxejn, għandu jiġi kkonstatat li, sa fejn il-punti 72 sa 75 tas-sentenza appellata, li huma biss ikkontestati mill-appellanti fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, jikkonċernaw biss ir-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, l-argumenti mressqa mill-appellanti f'dak li jikkonċerna t-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors huwa ineffettiv.

76 Sussegwentement, għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli l-allegazzjonijiet tal-appellanti msemmija fil-punti 66 u 68 ta' din is-sentenza, peress li, minn naħa, dawn huma intiżi, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 82 u 83 tal-konklużjonijiet tiegħu, li jikkontestaw l-evalwazzjonijiet purament fattwali mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 72 sa 75 tas-sentenza appellata. Issa, b'mod konformi ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Larko vs Il-Kummissjoni, C-244/18 P, EU:C:2020:238, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata), hija ma għandhiex, fil-kuntest ta' appell, tikkontesta tali evalwazzjonijiet, minbarra fil-każijiet fejn dawn iwasslu għal żnaturament tal-annessi tal-proċess, li ma huwiex allegat f'dan il-każ.

77 Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi osservat li l-elementi mressqa mill-appellanti f'dan il-kuntest ma jinkludu ebda argument legali intiż sabiex jintwera kif il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi. Għalhekk dawn l-iżviluppi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ġurisprudenzjali li skont dawn appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li tagħha jintalab l-annullament kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Wam Industriale vs Il-Kummissjoni, C-560/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:726, punt 42).

78 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti lanqas ma ressqet argumenti legali intiżi sabiex juru kif l-approċċ segwit mill-Qorti Ġenerali fil-punti kkontestati tas-sentenza appellata fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tieni aggravju kien imur kontra dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku msemmija fil-punt 67 ta' din is-sentenza, jew ukoll tal-punt 4.1(b) tal-avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rimbors tad-dazji antidumping.

79 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-argument imqajjem minn RFA li dan l-approċċ tal-Qorti Ġenerali jmur kontra, essenzjalment, il-prassi deċiżjonali preċedenti tal-istituzzjonijiet, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, b'mod konformi ma' ġurisprudenza stabbilita, huwa biss fil-kuntest tal-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku li għandha tiġi evalwata l-kwistjoni tar-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u fuq il-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni u mhux fir-rigward ta' allegata prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibralter u r-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 136 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

80 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, hemm lok li l-ewwel parti tat-tieni aggravju tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment ineffettiva.

Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju, ibbażata fuq li l-Qorti Ġenerali llimitat b'mod żbaljat il-portata tal-provi meħtieġa skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku biss għall-informazzjoni dwar il-prezz "konsenja bid-dazju mħallas"

– L-argumenti tal-partijiet

81 Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju tagħha, RFA tikkritika lill-Qorti Ġenerali li qieset, fil-punti 77 u 78 tas-sentenza appellata, li l-informazzjoni "konsenja bid-dazju mħallas" kienet l-unika informazzjoni li setgħet tikkonferma li l-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni tal-prodott inkwistjoni kienu jinkludu d-dazji antidumping, u b'hekk illimitat il-portata tal-provi aċċettabbli skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ddeċidiet li l-informazzjoni li hija kienet ipprovditilha, ibbażata fuq il-prezzijiet "mill-fabbrika" u "CIF" ma kinitx kompleta u, għalhekk, ma setgħetx tintuża.

82 Skont RFA, il-Kummissjoni kellha, skont il-kriterju legali li hija stabbilixxiet fil-punt 4.1(b) tal-avviż dwar ir-rimbors tad-dazji antidumping, tivverifika u tikkonferma jekk iż-żieda fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni li seħħet bejn l-investigazzjoni inizjali u t-tielet u r-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors kinitx tinkludi debitament id-dazji antidumping. Hija tfakkar, f'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza li tipprovdi li, sa fejn tali avviż ma jiksirx regoli ta' dritt superjuri, dan jorbot lill-Kummissjoni (sentenzi tat-28 ta' Jannar 1992, Soba, C-266/90, EU:C:1992:36, punt 19, u tat-2 ta' Diċembru 2010, Holland Malt vs Il-Kummissjoni, C-464/09 P, EU:C:2010:733, punt 47).

83 Għalhekk, l-uniku rekwiżit li jaqa' fuq l-appellanti, fil-kwalità tagħha ta' persuna li titlob rimbors tad-dazji antidumping, huwa li tipproduċi provi konklużivi li jikkonfermaw bidla fl-aġir fil-qasam tal-prezzijiet lejn klijenti indipendenti fis-suq tal-Unjoni wara l-impożizzjoni ta' dawn id-dazji. Barra minn hekk, fl-assenza ta' indikazzjonijiet f'dan is-sens fid-dispożizzjonijiet legali applikabbli, huwa irrilevanti li dawn il-provi jkunu ġew prodotti abbażi tal-prezzijiet "konsenja bid-dazju mħallas", "mill-fabbrika" jew ukoll "CIF".

84 F'dan ir-rigward, RFA tippreċiża li hija pprovdiet lill-Kummissjoni sensiela sħiħa ta' provi konklużivi, li jintraċċaw l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tagħha, stabbiliti bħala prezzijiet "mill-fabbrika" u "CIF" mal-fruntiera tal-Unjoni, mill-investigazzjoni inizjali u sar-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors. Dawn il-prezzijiet kienu ġew stabbiliti abbażi tal-prezzijiet "konsenja bid-dazju mħallas" effettivi u kienu inkludew l-ammont li jikkorrispondi għad-dazji antidumping. L-informazzjoni pprovduta mill-appellanti kienet uriet żieda fil-prezz ta' bejgħ mill-ġdid ta' 193 % fl-istadju "mill-fabbrika" u ta' 142 % fl-istadju "CIF" meta mqabbla mal-perijodu ta' investigazzjoni inizjali. Issa, din iż-żieda tkopri b'mod wiesgħa kemm id-dazju antidumping ta' 22.7 % kif ukoll iż-żieda ta' 100 % tal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-prodott inkwistjoni, irrilevata mill-Kummissjoni għall-istess perijodi.

85 RFA żżid, fil-kuntest tar-replika tagħha, li hija għandha diffikultajiet sabiex tifhem ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tqis li huma biss il-prezzijiet "konsenja bid-dazju mħallas" li huma prezzijiet mal-fruntiera tal-Unjoni, filwaqt li, fid-deċiżjonijiet kontenzjużi, hija rrilevat li l-prezzijiet "mill-fabbrika" u "CIF" kienu jikkostitwixxu wkoll tali prezzijiet. Din l-evalwazzjoni hija kkorroborata mill-kunsiderazzjonijiet irrilevati mill-Qorti Ġenerali fil-punt 24 tas-sentenza appellata, li jgħidu li "[f]ir-rigward tad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni indikat li dan kellu finalment jiġi aġġustat ukoll fil-livell 'mill-fabbrika' sabiex ikun jista' jsir paragun xieraq mal-valur normali. Hija fakkret li r-rikorrenti kienet impriża marbuta ma' CHEMK u ma' KF u li, b'konsegwenza, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, sabiex jinkiseb prezz tal-esportazzjoni affidabbli, dan kellu jitfassal abbażi tal-prezz tal-ewwel bejgħ mill-ġdid lil xerrej indipendenti fl-Unjoni. Il-Kummissjoni osservat li f'dan il-każ dan kien fil-parti l-kbira tal-każijiet prezz 'konsenja bid-dazju

mħallas', jiġifieri l-ispejjeż kollha sostnuti mill-bejjiegħ mal-wasla fil-post ta' kunsinna (ir-rikorrenti kienet ipprattikat tali tip ta' prezz f'79 % tal-każijiet matul it-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors u f'89 % tal-każijiet matul ir-raba' perijodu). Il-Kummissjoni fakkret ukoll li l-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz mal-fruntiera tal-Unjoni, li normalment jikkorrispondi għall-prezz ['CIF'], jiġifieri l-ispejjeż kollha sostnuti qabel il-passaġġ tal-fruntiera inklużi fil-prezz […]".

86 Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tieni parti tat-tieni aggravju hija infondata.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

87 Hekk kif ġie rrilevat fil-punt 71 ta' din is-sentenza, fl-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda l-possibbiltà li ma jitnaqqsux id-dazji antidumping mill-prezz tal-esportazzjoni mfassal, sa fejn "evidenza konklużiva" tiġi prodotta mill-applikant għal rimbors, li turi li dawn id-dazji huma debitament riflessi fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u fuq il-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni.

88 F'dan ir-rigward, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 92 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-prova tar-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u fuq il-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni tista' tiġi prodotta b'kull mezz, bil-kundizzjoni li tkun "konklużiva".

89 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat b'mod partikolari, fil-punt 77 tas-sentenza appellata, wara li ppreċiżat li l-evalwazzjoni tar-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni kellha ssir fi stadju ta' kummerċjalizzazzjoni sussegwenti għall-ħlas ta' dawn id-dazji, jiġifieri fi stadju fejn il-prezz jieħu inkunsiderazzjoni spejjeż addizzjonali fir-rigward ta' dawk sostnuti fl-istadju tal-prezzijiet "mill-fabbrika" jew "CIF", li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni, imwettqa fil-kuntest tal-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kellha tanalizza dawn il-prezzijiet billi tieħu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż kollha sostnuti qabel dan il-bejgħ mill-ġdid. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, "ma [t]kunx koerenti […] analiżi tal-prezzijiet iffissati fl-istadju tal-'prezz mill-fabbrika' jew ['CIF'], anki jekk wieħed iżid id-dazji antidumping b'mod artifiċjali ma' dawn il-prezzijiet bħalma r-rikorrenti tallega li sar, jiġifieri mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni numru partikolari ta' spejjeż imġarrba qabel tali bejgħ mill-ġdid".

90 Hija żiedet, fl-imsemmi punt, li, fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, kien indispensabbli li jiġi vverifikat jekk il-provi prodotti mill-importatur ikkonċernat kinux juru li l-prezz effettivament imħallas mill-ewwel xerrejja indipendenti fl-Unjoni matul il-perijodu taħt eżami kien jirrifletti debitament id-dazji antidumping. F'dan il-każ, din il-verifika kienet ġiet iffaċilitata minħabba l-fatt li RFA kienet tbigħ fil-parti l-kbira l-prodott inkwistjoni abbażi tal-prezzijiet "konsenja bid-dazju mħallas", li kienu jinkludu l-ispejjeż kollha li seħħew qabel il-kunsinna.

91 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali essenzjalment ikkunsidrat, fil-punt 78 tas-sentenza appellata, li ma kienx biżżejjed, għall-finijiet li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-oneru tal-prova li jaqa' fuq ir-rikorrenti skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, li din tibbaża ruħha unikament fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet miġjuba lura fl-istadju "mill-fabbrika" jew "CIF", anki jekk miżjuda bid-dazji antidumping, sabiex jiġi ġġustifikat li hija kienet għaddiet, matul it-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, id-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid tagħha fl-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, hija kellha tipproduċi provi li juru li l-prezzijiet "konsenja bid-dazju mħallas" li hija kienet ipprattikat matul l-imsemmi perijodu kienu jkopru l-ispejjeż sostnuti kollha, inklużi dazji antidumping, ħaġa li hija madankollu ma kinitx għamlet. Għaldaqstant, kien mingħajr ma wettqet żball li l-Kummissjoni kienet naqset id-dazji antidumping mill-prezz ta' bejgħ mill-ġdid lill-ewwel xerrej indipendenti fl-Unjoni sabiex tikkalkola l-prezz tal-esportazzjoni mfassal għat-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors.

92 Qabelxejn, għandu jiġi kkonstatat li, sa fejn il-punti 77 sa 78 tas-sentenza appellata, li huma biss ikkontestati mill-appellanti fil-kuntest tat-tieni parti tat-tieni aggravju, jikkonċernaw biss it-tielet perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors, l-argumenti mressqa mill-appellanti fir-rigward tar-raba' perijodu ta' investigazzjoni ta' rimbors huma ineffettivi.

93 Sussegwentement, hemm lok li jiġi ppreċiżat li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku jimponi l-oneru tal-prova fuq il-parti li titlob ir-rimbors, peress li l-Kummissjoni għandha twettaq biss, skont din id-dispożizzjoni, eżami tal-kontenut tal-provi prodotti minn din il-parti, kif ukoll il-verifiki li fuqhom huwa bbażat dan l-eżami, sabiex tiddetermina jekk din ipprovatx b'mod suffiċjenti u b'mod konklużiv li d-dazju antidumping kien debitament rifless fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni.

94 Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li bir-riferiment għall-aġġettiv "konklużiva" fl-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jimponi, fil-kuntest ta' din id-dispożizzjoni, livell ta' oneru tal-prova ikbar minn dak ġeneralment previst skont ir-Regolament bażiku. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-punt 4.1(b) tal-avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rimbors tad-dazji antidumping, sa fejn jeħtieġ li l-parti li titlob ir-rimbors tipprova "b'mod inkonfutabbli" li d-dazju antidumping huwa rifless debitament fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u fil-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni.

95 F'dan il-każ, wara l-eżami tal-provi kollha prodotti mir-rikorrenti, il-Kummissjoni qieset li dawn ma kinux juru b'mod konklużiv fis-sens tal-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, moqri fid-dawl tal-punt 4.1(b) tal-avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rimbors tad-dazji antidumping, li d-dazji antidumping kienu debitament u inkontestabbilment riflessi fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni. Fil-punti kkontestati tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali waslet għal din l-istess konklużjoni, wara li għamlet l-evalwazzjoni tagħha stess tal-provi prodotti mir-rikorrenti.

96 Għalhekk, hemm lok li jitqies li l-argument ta' RFA li l-Qorti Ġenerali kienet illimitat il-portata tal-provi aċċettabbli skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, unikament għall-informazzjoni dwar il-prezzijiet "konsenja bid-dazju mħallas", jirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata.

97 Għaldaqstant dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala infondat.

98 L-istess japplika għall-allegazzjonijiet ta' RFA irrilevati fil-punti 82 u 83 ta' din is-sentenza, li permezz tagħhom l-appellanti tikkritika, essenzjalment, l-applikazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali tar-regoli dwar it-tqassim tal-oneru tal-prova, skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, peress li, hekk kif ġie enfasizzat fil-punt 93 ta' din is-sentenza, hija kellha l-oneru tal-prova essenzjali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Għalhekk, huwa b'mod żbaljat li l-appellanti tqis li hija għandha tipproduċi biss provi li jikkonfermaw bidla fl-aġir fil-qasam tal-prezz tal-prodott inkwistjoni, fil-konfront tal-klijenti indipendenti tal-Unjoni, wara l-impożizzjoni tad-dazju antidumping.

99 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-allegazzjoni ta' RFA li mill-punt 24 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Kummissjoni kienet ammettiet, fid-deċiżjonijiet kontenzjużi, li l-prezzijiet "mill-fabbrika" u "CIF" kienu jikkostitwixxu, bħal fil-każ tal-prezzijiet "konsenja bid-dazju mħallas", prezzijiet mal-fruntiera tal-Unjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan il-punt ma jirrigwardax il-kwistjoni tar-riperkussjoni tad-dazji antidumping fuq il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni, iżda dik relatata mal-aġġustamenti li għandhom isiru, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, sabiex jiġi żgurat paragun ekwu bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali. Issa, hekk kif il-Qorti Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 77 tas-sentenza appellata, tali aġġustamenti ma humiex rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku.

100 Għaldaqstant dan l-allegazzjoni tal-appellanti għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

101 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li t-tieni parti tat-tieni aggravju tiġi miċħuda bħala li hija parzjalment ineffettiva u parzjalment infondata. B'konsegwenza, hemm lok li t-tieni aggravju jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

102 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

103 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

104 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tiġi kundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

105 Peress li l-appellanti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) RFA International LP hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem